# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

It-XXIII Ħadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tlieta u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nafdaw aktar f'dak li Alla jagħmel magħna kontinwament.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 35, 4-7a)
Il-profeta Isaija jikteb kliem ta' kuraġġ u jgħid li Alla huwa dak li ser iqawwi l-qalb tal-poplu tiegħu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 145)
Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!

**It-Tieni Qari** (Ġak 2, 1-5)
San Ġakbu jgħid li Alla għażel lil dawk li huma foqra biex isiru l-werrieta tas-Saltna. Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 7, 31-37)
Ġesu huwa tassew dak li jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin. Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument noffru lil Alla dak kollu li nħossu, dak kollu li ngħaddu minnu, u dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija tgħinna ngħixu flimkien bħala komunita ta' Nsara għax twaħħadna ma' Alla.
Nersqu għat-tqarbin fi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.